



**Kunsill
tal-Unjoni Ewropea**

**Brussell, 24 ta' Jannar 2022
(OR. en)**

5591/22

**COPS 34
CFSP/PESC 65
POLMIL 16
COEST 15**

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 5564/22	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sitwazzjoni tas-sigurtà Ewropea

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sitwazzjoni tas-sigurtà Ewropea, kif approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fl-24 ta' Jannar 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sitwazzjoni tas-sigurtà Ewropea

Is-sigurtà Ewropea hija indiviżibbli. Kwalunkwe sfida għall-ordni ta' sigurtà Ewropew taffettwa s-sigurtà tal-UE u tal-Istati Membri tagħha.

F'dan il-kuntest:

1. Il-Kunsill jikkundanna l-azzjonijiet aggressivi u t-theddid kontinwi tar-Russja kontra l-Ukrajna, u jappella lir-Russja biex tnaqqas it-tensjoni, tirrispetta d-dritt internazzjonali u timpenja ruħha b'mod kostruttiv fi djalogu permezz tal-mekkaniżmi internazzjonali stabbiliti.
2. Id-djalogu skont il-prinċipji ewlenin li jirfdu s-sigurtà Ewropea huwa l-mod kif tittejjeb is-sitwazzjoni tas-sigurtà u jiġu salvagwardjati l-paċi u l-istabbiltà fil-kontinent tagħna. M'hemmx lok għall-kunċetti ta' "żoni ta' influwenza" fis-seklu 21. Ser inkomplu nikkordinaw il-pożizzjonijiet tagħna u nikkontribwixxu b'mod attiv u sostanzjali għad-diskussjonijiet fi ħdan l-oqfsa eżistenti, fost l-oħrajn dawk li jinkludu r-Russja, dwar kwistjonijiet li jaffettwaw is-sigurtà u l-interessi strateġiċi tagħna.
3. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn sħiħ tal-UE għall-prinċipji ewlenin li fuqhom hija mibnija s-sigurtà Ewropea, minquxa fil-Karta tan-NU u d-dokumenti kostituttivi tal-OSKE, inkluż l-Att Finali ta' Helsinki u l-Karta ta' Pariġi. Dan jinkludi b'mod partikolari l-ugwaljanza sovrana u l-integrità territorjali tal-Istati; l-invjolabbiltà tal-fruntieri; l-astensjoni mit-theddida jew l-użu tal-forza; u l-libertà tal-Istati li jagħżlu jew jibdlu l-arranġamenti tas-sigurtà tagħhom stess. Dawn il-prinċipji la huma negozjabbli u lanqas soġġetti għal reviżjoni jew interpretazzjoni mill-ġdid. Il-ksur tagħhom mir-Russja huwa ostaklu għal spazju ta' sigurtà komuni u indiviżibbli fl-Ewropa u jhedded il-paċi u l-istabbiltà fil-kontinent tagħna.

4. Filwaqt li jfakkar fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2021, il-Kunsill itenni li kwalunkwe aggressjoni militari ulterjuri mir-Russja kontra l-Ukrajna jkollha konsegwenzi enormi u kosti kbar. Dan jinkludi firxa wiesgħa ta' miżuri restrittivi settorjali u individwali li jiġu adottati f'koordinazzjoni mas-sħab. L-UE aċċellerat il-ħidma preparatorja f'din id-direzzjoni mir-Rappreżentant Għoli u mill-Kummissjoni.
5. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-appoġġ sod tal-UE għall-indipendenza, is-sovraniżà u l-integrità territorjali tal-Ukrajna u s-sħab ġirien l-oħra tagħna tal-Lvant fil-fruntieri tagħhom rikonoxxuti internazzjonalment. Il-Kunsill jissottolinja l-appoġġ tiegħu għall-oqfsa internazzjonali eżistenti għar-risoluzzjoni sostenibbli u paċifika tal-konflitti f'konformità mad-dritt internazzjonali u jappella lir-Russja biex timpenja ruħha mill-ġdid b'mod kostruttiv f'dawn l-oqfsa stabbiliti b'*bona fide*. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehimiet ta' Minsk u jtenni l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-isforzi Franċiżi u Ġermaniżi fil-Format tan-Normandija, filwaqt li jissottolinja r-responsabbiltà tar-Russja bħala parti għall-konflitt. Il-Kunsill ifaħħar l-impenn siewi tal-Missjoni Speċjali ta' Monitoraġġ tal-OSKE, li għandha tingħata aċċess mingħajr restrizzjonijiet fl-Ukrajna kollha.
6. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE li tkompli tappoġġa r-reżiljenza tal-Ukrajna, inkluż fil-ġlieda kontra t-theddid ċibernetiku u ibridu u fl-indirizzar tad-diżinformazzjoni. L-UE qed tiddefinixxi l-modalitajiet ta' appoġġ lill-Ukrajna anke fil-qasam tal-edukazzjoni militari professjonali. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-aġenda ta' riforma tal-Ukrajna, ibbażata fuq il-valuri kondiviżi tagħna kif imtenni fit-23 Dikjarazzjoni Konġunta tas-Summit UE-Ukrajna, bħala mezz għat-tisħiħ tar-reżiljenza esterna u interna tal-Ukrajna, u jafferma mill-ġdid l-appoġġ dejjiemi u kostanti tal-UE f'dan ir-rigward.

7. Il-Kunsill jissottolinja r-rwol tal-OSKE bħala l-forum adatt biex jiġi indirizzat it-tħassib dwar is-sigurtà tal-partijiet interessati kollha. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi tal-Presidenza tal-OSKE biex jinbeda malajr djalogu sostanzjali dwar is-sigurtà Ewropea.
8. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-approċċ magħqud tal-UE u l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni b'saħħithom li għaddejjin tal-UE u l-Istati Membri tagħha mal-Istati Uniti, in-NATO, l-Ukrajna u l-pajjiżi sħab l-oħra tagħna. Il-Kunsill itenni l-impenn tal-UE għal unità transatlantika kontinwa u l-apprezzament tagħha. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli biex ikompli jikkoordina l-pożizzjoni tal-UE u abbażi ta' dan biex jinvolti ruħu b'mod attiv f'ħdan l-OSKE u mas-sħab tagħna, b'mod partikolari l-Istati Uniti u n-NATO.
9. L-Istati Membri huma lesti li jimpenjaw ruħhom fit-tiżni tal-mekkaniżmi eżistenti biex jiżguraw it-trasparenza u l-prevedibbiltà militari, u jappoġġaw l-isforzi marbuta mal-kontroll tal-armi, b'mod partikolari fil-qafas tal-OSKE. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jappella lir-Russja biex timpenja ruħha b'mod kostruttiv.
10. Il-Kunsill itenni wkoll l-importanza li jkomplu jissaħħu l-kapaċitajiet ta' reżiljenza u rispons tal-UE u tas-sħab qrib tagħna kontra l-attakki ċibernetiċi u dawk ibridi, il-manipulazzjoni u l-interferenza f'dak li jirrigwarda l-informazzjoni barranija, inkluż id-diżinformazzjoni. Il-Kunsill jappella lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jintensifikaw il-ħidma f'dan ir-rigward.
11. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata għal approċċ Ewropew magħqud, fit-tul u strateġiku għar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja bbażat fuq il-ħames prinċipji gwida.
